**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 160**
**L-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023 fl-4:00 p.m.**

**COMMUNITY TREATMENT ORDER – INFERMIERA LI JAGĦMLU MONITORAĠĠ**

**11014. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm infermiera tal-Outreach li jagħmlu monitoraġġ tal-pazjenti taħt Community Treatment Orders (CTOs)?

10/07/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li bħalissa hemm 26 infermier li jagħmlu xogħol ta' monitoraġġ tal-pazjenti taħt Community Treatment Order.

Seduta 160
25/10/2023

**KLINIĊI TAS-SAĦĦA MENTALI**

**11015. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm għandna kliniċi tas-saħħa mentali fil-komunità f'Malta u f'Għawdex?

10/07/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li f'Malta għandna 7 kliniċi tas-saħħa mentali fil-komunità. Waqt li f'Għawdex hemm is-Psychiatric Out-patients li jinsab ġewwa Gozo General Hospital għal-pazjenti fil-komunità.

Seduta 160
25/10/2023

**KLINIĊI TAS-SAĦĦA MENTALI**

**11016. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid f'liema lokalitajiet hemm kliniċi tas-saħħa mentali u x'catchment area għandhom?

10/07/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi kliniċi tas-saħħa mentali hemm skont l-informazzjoni hawn taħt:

Zone 1: South Catchment Area:

(Klinika tas-Saħħa Mentali f'Raħal il-Ġdid (Paola)

Paola – Birżebbuġia – Fgura – Għaxaq – Gudja – Marsaxlokk – Sta. Luċija – Tarxien – Żejtun – Mqabba – Żurrieq – Qrendi – Kirkop – Luqa

(Klinika tas-Saħħa Mentali f'Bormla (Cospicua)

Birgu – Bormla – Kalkara – Isla (Senglea) – Marsaskala – Żabbar - Xagħra

Zone 2: Central Catchment Area:

(Klinika tas-Saħħa Mentali fil-Furjana)

B'Kara – Fleur De Lys – Floriana – G'Mangia – Ħal Far – Ħamrun – Marsa – Pietà – Safi – Sta. Venera – Gżira – Ta' Paris - St. Julians

Zone 3: North Catchment Area:

(Klinika tas-Saħħa Mentali fl-Mtarfa):

Attard – Baħrija – Balzan – Bidnija – Binġemma – Buskett – Ċirkewwa – Dingli, Il-Fiddien – Għadira – Għajn Tuffieħa – Lija – High Ridge – Iklin – Imtaħleb, Kunċizzjoni, Limbordin – Magħtab – Manikata – Mdina – Mtarfa – Rabat – Salina – San Pawl tat-Tarġa – Selmun – Ta' Qali – Wardija – Żebbiegħ

(Klinika tas-Saħħa Mentali f'Ħal-Qormi):

Qormi – Siġġiewi – Żebbuġ – Baħar iċ-Ċagħak – Ibraġġ – Kappara – Msida – Paceville – Pembroke – San Ġwann – Sliema – St. Andrews – St. Julians – Swatar – Swieqi – Ta' Giorni – Ta' Xbiex – The Village

(Klinika tas-Saħħa Mentali fil-Mosta):

Mosta – Naxxar – Madliena – Mellieħa – Għarghur – Mġarr – Mselliet

(Klinika tas-Saħħa Mentali fil-Qawra):

Qawra – Buġibba – St. Paul's Bay – Burmarrad – Xemxija

Seduta 160
25/10/2023

**KLINIĊI FIL-KOMUNITÀ - PAZJENTI**

**11017. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm issegwi pazjenti fil-komunità kull klinika tas-saħħa mentali? Jista' jgħid jekk tabib (GP) jistax jirreferi persuni direttament għal servizz ta' psikologu mingħajr ma jirreferi għal psikjatra f'dawn il-kliniċi tas-saħħa mentali fil-komunità, peress li ssib persuni li jkunu lesti li jmorru għand psikologu imma ma jkunux lesti li jmorru għand psikjatra u ma jkunux iridu mediċina?

10/07/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li tabib tal-familja jista' jirreferi persuni direttament għas-servizz ta' psikologu mingħajr ma jirreferi għal psikjatra.Kull Klinika tas-Saħħa Mentali ssegwi numru ta' pazjenti fil-lokalitajiet rispettivi kif spjegat fis-segwenti:

Furjana: 2951

Paola: 1428

Qormi: 2703

Cospicua: 1021

Mtarfa: 1826

Mosta: 212

Qawra: 149

Seduta 160
25/10/2023

**KUMMISSARJU GĦAS-SAĦĦA MENTALI – ILMENTI**

**11018. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm irċieva lmenti l-Kummissarju għas-Saħħa Mentali fl-2022?

10/07/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta lil-Kummissarju għas-Saħħa Mentali rċieva 48 ilment fis-sena 2022.

Seduta 160
25/10/2023

**KUMMISSARJU GĦAS-SAĦĦA MENTALI – ILMENTI RIĊEVUTI FL-2023**

**11019. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm irċieva lmenti l-Kummissarju għas-Saħħa Mentali fl-2023?

10/07/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta lil-Kummissarju għas-Saħħa Mentali rċieva 46 ilment fis-sena 2023.

Seduta 160
25/10/2023

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - IMPJEGATI LI GĦANDHOM PERMESS LI JIPPARKJAW IL-BELT**

**11267. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu impjegati li għandhom permess li jipparkjaw il-karozza privata tagħhom il-Belt u jekk humiex eżentati mis-CVA?

01/09/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hemm 8 impjegati li għandhom permess jipparkjaw il-karozza privata tagħhom il-Belt, u minn dawn 7 huma eżentati minn CVA.

Seduta 160
25/10/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - IMPJEGATI LI GĦANDHOM PERMESS LI JIPPARKJAW IL-BELT**

**11268. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu impjegati li għandhom permess li jipparkjaw il-karozza privata tagħhom il-Belt u jekk humiex eżentati mis-CVA?

01/09/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru m'għandux fil-pussess tiegħu informazzjoni fuq vetturi privati.

Seduta 160
25/10/2023

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR - IMPJEGATI LI GĦANDHOM PERMESS LI JIPPARKJAW IL-BELT**

**11269. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu impjegati li għandhom permess li jipparkjaw il-karozza privata tagħhom il-Belt u jekk humiex eżentati mis-CVA?

01/09/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma hemm l-ebda impjegat mal-Ministeru li għandu l-imsemmi permess.

Seduta 160
25/10/2023

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA - IMPJEGATI LI GĦANDHOM PERMESS LI JIPPARKJAW IL-BELT**

**11270. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu impjegati li għandhom permess li jipparkjaw il-karozza privata tagħhom il-Belt u jekk humiex eżentati mis-CVA?

01/09/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm 4 impjegati fil-Ministeru li għandhom permess biex jipparkjaw il-karozza privata tagħhom ġewwa l-Belt. Tlieta minn dawn l-impjegati iħallsu fuq bażi personali skont ir-regoli tas-CVA.

Seduta 160
25/10/2023

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA - IMPJEGATI LI GĦANDHOM PERMESS LI JIPPARKJAW IL-BELT**

**11271. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu impjegati li għandhom permess li jipparkjaw il-karozza privata tagħhom il-Belt u jekk humiex eżentati mis-CVA?

01/09/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'għandix impjegati li għandhom permess li jipparkjaw il-karozza privata tagħhom il-Belt.

Seduta 160
25/10/2023

**ĊITTADINI TAL-EU U TCNS – BENEFIĊĊJI SOĊJALI**

**11272. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn ċittadini tal-Unjoni Ewropea u Third Country Nationals (TCNs) li jieħdu benefiċċji soċjali? Jista' jgħid x'tip ta' benefiċċju u jekk jistax jelenka wkoll pajjiż pajjiż minn fejn ġejjin dawk li jieħdu xi benefiċċju?

01/09/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12011.

Seduta 160
25/10/2023

**MINISTRU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - LAQGĦAT FL-UE**

**11351. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid għal liema laqgħat attenda fi ħdan l-Unjoni Ewropea u dawk li mistenni jattendi għalihom f'dawn it-tieni sitt xhur tas-sena, jiġifieri minn Lulju sa Diċembru 2023?

11/09/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi attendejt għall-EYCS Council li sar bejn il-15 u s-16 ta' Mejju 2023. Intant, l-EYCS Council li jmiss hu skedat li jsir bejn it-23 u l-24 ta' Novembru 2023.

Infurmat ukoll li bejn il-25 u s-26 ta' Settembru, l-Presidenza Spanjola organizzat Kunsill informali f'Càceres ġewwa Spanja, li għalih attendiet is-Segretarju Permanenti fi ħdan dan il-Ministeru.

Seduta 160
25/10/2023

**MINISTRU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - LAQGĦAT FL-UE**

**11352. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid għal liema laqgħat attenda fi ħdan l-Unjoni Ewropea u dawk li mistenni jattendi għalihom f'dawn it-tieni sitt xhur tas-sena, jiġifieri minn Lulju sa Diċembru 2023?

11/09/2023

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħala Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ attendejt għal laqgħat fi ħdan l-Unjoni Ewropea u mistenni nattendi għal laqgħat oħra kif imsemmja hawn taħt:

Fit-18 ta' Settembru 2023 iltqajt mal-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-Membri Stati tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll mar-Rappreżentant Għoli tal-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurta' ġewwa New York, l-Istati Uniti.
Fit-2 ta' Ottubru 2023, iltqajt mal-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-Membri Stati tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll mar-Rappreżentant Għoli tal-Affarijiet Barranin u l-politika tas-Sigurta' ġewwa Kyiv, l-Ukrajna.
Fid-9 u l-10 ta' Ottubru 2023, ipparteċipajt fis-sebgħa u għoxrin Kunsill Konġunt bejn il-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf u l-Unjoni Ewropea, li seħħ f'Muskat, fl-Oman.
Fil-11 ta' Ottubru 2023, kelli laqgħa onlajn li sejjaħ ir-Rappreżentant Għoli tal-Affarijiet Barranin u l-politika tas-Sigurta',wara l-iżviluppi li seħħew f'Iżrael u r-reġjun.
Fid-19 ta' Ottubru 2023, żort Vienna, l-Awstrija fejn iltqajt ma' l-E.T. Alexander Schallenberg, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej tal-Awstrija.
Fit-23 ta' Ottubru 2023, iltqajt mal-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-Membri Stati tal-Unjoni Ewropeja, kif ukoll mar-Rappreżentant Għoli tal-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà ġewwa il-Lussemburgu.
Fl-24 ta' Ottubru 2023, attendejt għal-Laqgħat tal-Kunsill tal-Affarijiet Barranin Ġenerali.
Fit-13 ta' Novembru 2023, mistenni niltaqa' mal-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-Membri Stati tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll mar-Rappreżentant Għoli tal-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà ġewwa Brussell.
Fil-15 ta' Novembru u fit-12 ta' Diċembru ta' din is-sena mistenni li nattendi wkoll għal-Laqgħat tal-Kunsill tal-Affarijiet Barranin Ġenerali.
Fl-20 ta' Novembru 2023, mistenni nipparteċipa fil-laqgħa ministerjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni Afrikana, li se sseħħ fi Brussell.
Fil-21 ta' Novembru 2023, mistenni nkun mistieden sabiex nipparteċipa fil-laqgħa tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-Membri Stati tal-Unjoni Ewropea dwar l-Iżvilupp.
Fis-27 ta' Novembru 2023, mistenni nkun mistieden ukoll sabiex nipparteċipa fil-laqgħa tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-Membri Stati tal-Unjoni Ewropea dwar il-Kummerċ.
Fis-27 ta' Novembru 2023, mistenni nipparteċipa fil-laqgħa ministerjali bejn il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar, li ser isseħħ f'Barċellona.
Fil-11 ta' Diċembru 2023, mistenni niltaqa' mal-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-Membri Stati tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll mar-Rappreżentant Għoli tal-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà ġewwa Brussell.

Seduta 160
25/10/2023

**MINISTRU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - LAQGĦAT FL-UE**

**11353. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid għal liema laqgħat attenda fi ħdan l-Unjoni Ewropea u dawk li mistenni jattendi għalihom f'dawn it-tieni sitt xhur tas-sena, jiġifieri minn Lulju sa Diċembru 2023?

11/09/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba minnu hija kif qed ikun elenkat hawn taħt:
13 ta' Lulju EPSCO li nżammet Madrid;
9 ta' Ottubru EPSCO li nżammet Lussemburgu.

Seduta 160
25/10/2023

**MINISTRU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - LAQGĦAT FL-UE**

**11354. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid għal liema laqgħat attendiet fi ħdan l-Unjoni Ewropea u dawk li mistennija tattendi għalihom f'dawn it-tieni sitt xhur tas-sena, jiġifieri minn Lulju sa Diċembru 2023?

11/09/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħala Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur attendejt għal-laqgħa informali tal-Ministri tal-Konsumatur fl-24 ta' Lulju 2023 f'Bilboa fi Spanja.
Sa Diċembru li ġej, m'hemmx attendenzi għal laqgħat fi ħdan l-UE pjanati, sakemm ma tintalabx attendenza *ad hoc*.

Seduta 160
25/10/2023

**MINISTRU GĦAL GĦAWDEX – LAQGĦAT FL-UE**

**11355. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid għal liema laqgħat attenda fi ħdan l-Unjoni Ewropea u dawk li mistenni jattendi għalihom f'dawn it-tieni sitt xhur tas-sena, jiġifieri minn Lulju sa Diċembru 2023?

11/09/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'Ottubru, attendejt għal laqgħa fil-Belġju bl-isem EU Regions Week, including the conference 'After the European Parliament's resolution on island regions: what's next?'. Aktarx ser nattendi wkoll General Assembly and 50th anniversary of the CPMR Franza, però għadni ma kkonfermajthiex. M'iniex infurmat s'issa li se jkun hemm aktar laqgħat fi ħdan l-Unjoni Ewropea sa Diċembru, però tifhem li jista' jkun li niġu mistiedna għal xi laqgħat aktar 'il quddiem skont iċ-ċirkustanzi.

Seduta 160
25/10/2023

**MINISTRU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – LAQGĦAT FL-UE**

**11356. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid għal liema laqgħat attenda fi ħdan l-Unjoni Ewropea u dawk li mistenni jattendi għalihom f'dawn it-tieni sitt xhur tas-sena, jiġifieri minn Lulju sa Diċembru 2023?

11/09/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fit-tieni sitt xhur ta' din is-sena attendejt laqgħa waħda fi ħdan l-Unjoni Ewropea, u mistenni li sa l-aħħar ta' din is-sena nattendi żewġ laqgħat oħra.

Seduta 160
25/10/2023

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA - CHAIRPERSONS U MEMBRI TA' ENTITAJIET PUBBLIĊI**

**12016. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid min huma ċ-Chairpersons u l-membri ta' kull entità pubblika - irrispettivament mill-mod kif deskritti - li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha, u f'kull każ tgħid:
(a) kull persuna kemm ilha fil-ħatra, u
(b) meta tiġi fit-tmiem il-ħatra attwali ta' kull persuna?

09/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta 160
25/10/2023

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - CHAIRPERSONS U MEMBRI TA' ENTITAJIET PUBBLIĊI**

**12017. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid min huma ċ-Chairpersons u l-membri ta' kull entità pubblika - irrispettivament mill-mod kif deskritti - li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, u f'kull każ jgħid:
(a) kull persuna kemm ilha fil-ħatra, u
(b) meta tiġi fit-tmiem il-ħatra attwali ta' kull persuna?

09/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 160
25/10/2023

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - DEFIBRILLATORS**

**12126. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9871, jista' l-Ministru jikkonferma jekk hemmx defibrillatoras fil-mużewijiet u f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi (MCC)?

10/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat illi s-segwenti lista hija tas-siti u mużewijiet li fihom defibrillator:

- Haġar Qim & Mnajdra Archaeological Park
- Forti Sant' Anġlu
- Il-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija
- Il-Katakombi ta' San Pawl
- Forti Sant' Iermu
- Il-Palazz tal-Gran Mastru

Intant, għall-bqija tal-mistoqsija parlamentari, nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tagħmilha lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 160
25/10/2023

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - DEFIBRILLATORS**

**12127. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9873, jista' l-Ministru jgħid jekk dan ifissirx li m'hemmx defibrillator fl-ambaxxati ta' Malta u fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ?

10/10/2023

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lil-Onor. Interpellanta li m'għandix iżjed xi nżid mat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9873 li diġà tajt, jiġifieri li l-Ministeru għandu defibrillator wieħed (1) installat f'Palazz Spinola, San Ġiljan.

Seduta 160
25/10/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - DEFIBRILLATORS**

**12128. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9875, jista' l-Minsitru jgħid fejn jinsab dan id-defibrillator? Jista' jikkonferma li dan huwa l-unika defibrillator? Jekk iva, xi pjan hemm biex jiżdiedu aktar defibrillators li jistgħu jsalvaw il-ħajja?

10/10/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li dan id-defibrillatur inkwistjoni jinsab fl-entità Malta Food Agency li tagħmel parti mid-dekasteru li tiegħu jiena responabbli. Però apparti dan, fi ħdan il-varji dipartimenti li hemm jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħi, preżentament hemm total ta' 13-il defibrillator.

Seduta 160
25/10/2023

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - DEFIBRILLATORS**

**12129. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9868 u risposti oħra minn Ministri oħra fuq dan is-suġġett, peress li jidher ċar li fid-dekasteri u l-entitajiet diversi hemm nuqqas serju ta' defibrillators li jistgħu jsalvaw il-ħajja, jista' l-Prim Ministru jgħid xi pjan hemm, jekk hemm, biex dawn id-defibrillators jiżdiedu?

10/10/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li hemm pjanijiet biex dawn jiżdiedu.

Seduta 160
25/10/2023

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAD-DJALOGU SOĊJALI - DEFIBRILLATORS**

**12130. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9869, jista' l-Prim Ministru jgħid jekk dan ifissirx li m'hemm l-ebda defibrillator fl-entitajiet kollha li jaqgħu taħt id-dekasteru tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali?

10/10/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-MCESD hija l-unika entità fid-dekasteru tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali.

Seduta 160
25/10/2023

**DIRETTUR ĠENERALI (KOMPETIZZJONI) – DEĊIŻJONIJIET DWAR XI IMPOŻIZZJONI TA’ XI SANZJONI JEW PENALI FINANZJARJI**

**12151. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11132 u għad-dokument anness magħha, peress li fl-aħħar ta’ dan id-dokument jingħad li “Bejn Mejju 2016 u Mejju 2019 l-Uffiċċju ma impona ebda sanzjoni jew penali finanzjarja fid-dawl ta’ sentenza kostituzzjonali li ngħatat fit-3 ta’ Mejju 2016”, tista’ l-Ministru tgħid jekk għal perjodu ta’ tliet snin, u ċjoè bejn Mejju 2016 u Mejju 2019, effettivament l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni ma kienx f’qagħda li jieħu passi regolatorji biex jassigura konformità mal-liġi dwar il-kompetizzjoni, billi jew jimponi sanzjonijiet jew jieħu passi għat-teħid ta’ sanzjonijiet?

10/10/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4362 li ngħatat fit-tlettax-il leġiżlatura.

Seduta 160
25/10/2023

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU - DEFIBRILLATORS**

**12177. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9884, jista' l-Ministru jgħid fejn jinsabu dawn id-defribillators?

10/10/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu għandha 3 defibrillators, filwaqt li Dar il-Mediterran għall-Konferenzi u l-ITS għandhom 2 kull wieħed. Fil-futur se jkun hemm ukoll defibrillator fil-klinika li nbniet ġewwa l-Malta Film Studios.

Seduta 160
25/10/2023

**SKEMA ERDF**

**12300. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 10556 u 11857 u ċjoè: Fid-dawl li l-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament ingħatat is-somma ta’ €270,000 f’għajnuna minn fond Ewropew taħt l-Iskema ERDF u fid-dawl li mill-istess fond ingħatat is-somma ta’ €450,000 lil kumpanija oħra li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament ukoll, jista’ l-Ministru jagħti lista sħiħa ta’ dawk kollha li bbenefikaw minn dan il-fond mill-2017 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista’ jgħid x’inhuma l-kriterji li fuqhom jingħataw dawn il-fondi u min huma l-membri tal-bord li jagħmlu din l-għażla?

13/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li filwaqt li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta’ dawk kollha li bbenefikaw mill-iskemi ERDF mis-sena 2017 sal-ġurnata li fiha qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, ninforma lill-Onor. Interpellant li din l-informazzjoni hija disponibbli għal kulħadd fuq www.fondi.eu. Din il-website tiġi aġġornata minn tal-inqas darbtejn fis-sena. Din hija parti minn inizjattiva ta’ trasparenza marbuta ma’ Fondi Ewropej u l-użu tal-istess fondi biex il-pubbliku ġenerali ikollu viżibilità ta’ kull min qiegħed jibbenefika minn dawn il-fondi.

Il-proposti għall-proġetti għall-kofinanzjament mill-Fondi ta’ Koeżjoni jiġu evalwati abbażi ta’ Kriterji ta’ Eliġibbiltà u Selezzjoni li jiġu approvati mill-Kumitat ta’ Monitoraġġ. Dan il-kumitat ġie ffurmat skont l-Artikoli 49 u 110 tar-Regolament (EU) 1303/2013 għall-Programm 2014-2020. L-irwol tal-Kumitat ta’ Monitoraġġ (MC) hu li jaċċerta l-effettività u l-kwalità tal-implimentazzjoni tal-Programmi Operattivi. Membri f’dan il-Kumitat jinkludu rappreżentanti ta’ diversi entitajiet tal-Gvern, fosthom Segretarji Permanenti li jirrappreżentaw kull Ministeru, kif ukoll imsieħba ekonomiċi u soċjali li jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili. Uffiċjali għolja mill-Kummissjoni Ewropea jipparteċipaw f’dan il-kumitat f’kapaċità konsultattiva, filwaqt li

uffiċjali mill-Fond Ewropew tal-Investiment u mill-Bank Ewropew tal-Investiment jipparteċipaw skont in-neċessità.

Il-Kumitat tal-Għażla tal-Proġetti jevalwa l-proposti ta' proġetti skont il-Kriterji ta' Eliġibbiltà u Selezzjoni approvati mill-Kumitat hawn fuq indikat. Il-Membri tal-Kumitat tal-Għażla tal-proġetti ikun kompost minn uffiċjali għolja tal-Gvern.

Seduta 160
25/10/2023

**SAN ĠILJAN - BAJJA TA' SAN ĠORĠ - ENCROACHMENTS ĠODDA**

**12301. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11859, u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10555 dwar encroachments ġodda għall-Bajja ta' San Ġorġ, ġewwa Paceville, San Ġiljan, jista' l-Ministru jaġġorna lill-Kamra dwar il-proċess li qed jirreferi għalih fl-istess tweġiba?

13/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'għandix xi nżid mat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10555.

Seduta 160
25/10/2023

**SAN ĠWANN - TRIQ IL-MENSIJA - ZEBRA CROSSING**

**12302. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid inħariġx permess minn Transport Malta (TM) biex issir zebra crossing fi Triq il-Mensija, San Ġwann, u jekk iva, jagħti d-data meta nħareġ il-permess? Jekk ma kien hemm l-ebda permess, jista' jgħid jekk kienx hemm talba għal dan?

13/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Transport Malta, fuq talba tal-Kunsill Lokali ta' San Ġwann, awtorizzat zebra cross fit-triq imsemmija f'Jannar 2020 fi żmien meta Infrastructure Malta kienet għaddejja b'xogħlijiet ta' bini tat-triq mill-ġdid.

Infurmat li x-xogħlijiet kienu fi stadju avvanzat ħafna biex jinbidel id-disinn.

Tajt direzzjoni biex Transport Malta tiddiskuti mal-Kunsill Lokali il-pass li jmiss.

Seduta 160
25/10/2023

**ŻVILUPPI HIGH-RISE - POLICY DWAR ĦARSIEN MINN TERREMOTI**

**12303. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11863, fejn jingħad li ma hemm l-ebda policy dwar il-ħarsien mit-terremoti għal żviluppi high-rise, jista' l-Ministru jgħid jekk dan ifissirx li l-ebda żvilupp high-rise li ġie approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar mhuwa mħares mill-eventwalità ta' terremot? Peress li fl-istess tweġiba l-Ministru qal li "il-pjan hu li titfassal policy fiż-żmien li ġej", jista' jagħti t-time frame għal dan?

13/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11863.

Seduta 160
25/10/2023

**ŻVILUPPI HIGH-RISE**

**12304. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11863, jista' l-Minitsru jgħid x'inhuma l-pjanijiet tal-Ministeru tiegħu u tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili fir-rigward ta' żviluppi high-rise f'każ ta' terremot? Jista' jgħid ukoll jekk id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili għandux equipment u slielem li jwasslu għal għoli ta' 40 sular fl-eventwalità ta' ħruq f'dan l-għoli?

13/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Fl-aħħar snin sar investiment bla preċedent fil-Protezzjoni Civili, sabiex dan id-dipartiment ikun f'pożizzjoni aħjar li jsalva u jipproteġi.
Infurmat illi f'każ ta' terremot, wieħed ma jistax jieħu konsiderazzjoni ta' binja partikolari jew grupp ta' bini. Dan għaliex il-pajjiż kollu jiġi affetwat. Għalhekk il-Protezzjoni Ċivili flimkien mal-forzi ta' l-ordni għanda pjanijiet ta' kif tirrispondi għal emerġenza f'każ ta' terrimot, biex jintużaw ir-riżorsi kollha b'mod għaqli.
Fl-aħħar snin id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili infatti nvesta ħafna mhux biss fil-makkinarju iżda anke fit-taħriġ. Fost oħrajn sar investiment ta iktar minn €20 miljun f'tagħmir, fosthom Hydraulic Platform ta' 70 metru li jintuża għall-binjiet għolja, diversi vetturi tal-heavy plant, containers mimlija bl-għodda għal inċidenti kbar u vetturi ta' salvataġġ ġodda għal dan id-Dipartiment. Qed isir xiri ta tagħmir speċjalizzat li jindirizza sfidi ġodda bħal dak li jintuża f'nirien f'bini għoli, jew nirien f'vetturi li jaħdmu bl elettriku.
Sar u qed isir investiment ta' iktar minn €10 miljuni fuq infrastruttura biex jinbnew fire stations ġodda u nimmoderniżżaw l-antiki għall-isfidi ġodda tal-lum. Saret sejħa għal reklutaġġ ġdid. Id-Dipartiment żied l-fondi għat-taħriġ minn €2,000 fis-sena 2012 għal mill-inqas €200,000 fis-sena u dan qiegħed jissarraf f'taħrig importanti għall-pumpiera tagħna. Dan qiegħed isir billi it-tahrig isir f Malta kif ukoll barra minn Malta fi skejjel speċjaliżżati għal Protezzjoni Ċivili. Illum għandna l-forza mħarrġa biex tilqa' għal kwalunkwe sfida li Malta moderna tista tippreżenta ruħha bħal, karozzi eletttriċi, bini għoli jew kumpless, u kif isir tifi tan-nar b'sistemi iktar effiċjenti b'inqas użu ta' ilma sabiex titnaqqas il-ħsara.
Għall-ewwel darba fl-aħħar ftit xhur dan id-dipartiment kien ukoll involut f'operazjonijiet ta' salvataġġ barra l-pajjiż kemm dawk marbuta ma' terremot u diżastri naturali, u dan ġewwa bit-Turkija, fil-Libja u l-Greċja.

Seduta 160
25/10/2023

**AĠENZIJA PROJECT GREEN - DETTALJI DWAR PERMESS GĦAL PROĠETT**

**12305. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11867 dwar proġett imħabbar mill-Aġenzija Project Green, filwaqt li niġbed l-attenzjoni li din mhijiex l-applikazzjoni uffiċjali bil-PA number imma t-talba tinsab fil-vetting stage, tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumentazzjoni, il-pjanti u d-disinji kollha marbuta ma' dan il-proġett biex ikun hemm tagħrif ħolistiku u mhux biċċa biċċa?

13/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12480.

Seduta 160
25/10/2023

**MCCAA - LISTA TA' DEĊIŻJONIJIET REGOLATORJI**

**12339. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11430, tista' l-Ministru:
(i) tipprovdi kopja tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali li għaliha hemm riferenza fit-tweġiba;
(ii) tipprovdi kopja tad-deċiżjoni amministrattiva mogħtija mid-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) li skont it-tweġiba, ġiet maħruġa fil-2019 fir-rigward ta' operatur tal-komunikazzjonijiet.

16/10/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11430, ngħarraf l-Onor. Interpellant li:

(i) kopja tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali li għaliha hemm riferenza fit-tweġiba qiegħda tiġi mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra; u

(ii) kopja tad-deċiżjoni amministrattiva mogħtija mid-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) li skont it-tweġiba, ġiet maħruġa fil-2019 fir-rigward ta' operatur tal-komunikazzjonijiet, qiegħda wkoll tiġi mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 160
25/10/2023

**UFFIĊĊJU GĦAL KOMPETIZZJONI - INVESTIGAZZJONIJIET**

**12340. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11429, tista' l-Ministru tikkonferma li attwalment wara l-emendi li saru fl-Att dwar il-Kompetizzjoni, Kap 379 tramite l-Att Numru XVI tal-2019, id-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) f'kull istanza fir-rigward ta' ħruġ ta' deċiżjoni regolatorja – ukoll jekk id-deċiżjoni ma tittrattax dwar l-impożizzjoni ta' sanzjoni jew xi forma ta' penali finanzjarja – irid l-ewwel jagħmel talba lill-Qorti għal ħruġ ta' deċiżjoni? Jekk dan hu l-każ, tista' l-Ministru tispjega għalfejn ġiet introdotta tali proċedura wkoll f'istanzi fejn il-ħruġ ta' deċiżjoni regolatorja mhijiex marbuta mal-impożizzjoni ta' sanzjoni jew xi forma ta' penali finanzjarja?

16/10/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi mhux f'kull istanza fir-rigward ta' ħruġ ta' deċiżjoni, id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni irid jagħmel talba lill-Qorti. Skond it-termini tal-artikolu 17 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni d-Direttur Ġenerali jista' minflok jibda proċeduri ġudizzjari joħroġ deċiżjoni ta' rabtiet fejn jagħmel l-irbit vinkolanti fuq l-intrapriża jew l-għaqda ta' intrapriżi.

Seduta 160
25/10/2023

**FTEHIM LI ĠIE FFIRMAT BEJN IL-GVERN MALTI U KUMPANIJA PRIVATA**

**12359. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' kull ftehim li ġie ffirmat bejn il-Gvern Malti u/jew xi entità tiegħu u l-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament?

16/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi wara sejħa pubblika maħruġa mill-Ministeru tal-Ekonomija f'isem il-Gvern ta' Malta, il-kumpanija imsemmija ġiet magħżula biex isservi bħala konċessjonarju għall-Programm ta' Malta ta' Residenza u Visa.

Il-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza ma kienx involut f'dan il-proċess, madanakollu għandu dokumentazzjoni relatata li ġiet mgħoddija lill-Aġenzija Residenza Malta, li ukoll ma kinitx involuta f'dan il-proċess.

Qed inpoġġi kopja tal-kuntratt kif provdut lili fuq il-Mejda tal-Kamra. Infurmat ukoll li din il-konċessjoni ma tapplikax għall-programm ta' residenza b'investiment ġdid li daħal fis-seħħ permezz tal-Avviż Legali 121 tal-2021.
Infurmat ukoll illi fl-2013 ġie iffirmat kuntratt bejn il-Gvern ta' Malta u l-kumpanija imsemmija wara sejħa pubblika għal konċessjoni għall-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta. Infurmat li dan id-dokument huwa preżentat lill-Parlament, u għaldaqstant nirreferi lill-Onorevoli Membru għall-minuti Parlamentari tal-KUMITAT PERMANENTI DWAR ILKONTIJIET PUBBLIĊI, LAQGĦA NRU. 60, tal-Erbgħa, 18 ta' Frar, 2015, Dok. 105 – Public Service Concession Contract between The Republic of Malta represented by the Ministry of Home Affairs and National Security and Henley & Partners Holdings Plc. Regarding The Malta Individual Investor Programme u Dok. 106 – Amendment to Public Service Concession Contract between The Republic of Malta represented by the Ministry of Home Affairs and National Security and Henley & Partners Holdings Plc. Regarding The Malta Individual Investor Programme.

Seduta 160
25/10/2023

**KUMPENS EX GRATIA MOGĦTI MILL-GVERN MALTI**

**12360. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm-il kumpens ex gratia ġie mogħti mill-Gvern Malti mis-sena 2013, sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

16/10/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 160
25/10/2023

**KUMPENS EX GRATIA MOGĦTI MILL-GVERN MALTI**

**12361. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm-il kumpens ex gratia ġie mogħti mill-Gvern Malti mis-sena 2013, sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

16/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 160
25/10/2023

**KUMPENS EX GRATIA MOGĦTI MILL-GVERN MALTI**

**12362. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm-il kumpens ex gratia ġie mogħti mill-Gvern Malti mis-sena 2013, sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

16/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex ikun iktar speċifiku dwar liema tip ta kumpens *ex gratia* qed jirreferi għaliha, peress li dawn jaf jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' Ministeri differenti.

Seduta 160
25/10/2023

**PERSUNI AKKUŻATI B'OMIĊIDJU VOLONTARJU**

**12363. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna fil-preżent tinsab akkużata b'omiċidju volontarju quddiem il-Qrati ta' pajjiżna? Jista' jgħid ukoll l-isem u l-kunjom ta' kull persuna, l-età, is-sess u n-nazzjonalità tagħha u quddiem liema Qorti tinsab akkużata?

16/10/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sal-20 t'Ottubru 2023, kien hemm total ta' 40 każ ta' omiċidju quddiem il-Qrati ta' Malta u Għawdex fejn hemm 52 persuna akkużata.

Fir-rigward tat-tieni parti tal-mistoqsija parlamentari, l-esponent ma jistax jagħti din l-informazzjoni u dan *ai termini* tal-artikolu 518 tal-Lap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Seduta 160
25/10/2023

**PERSUNI AKKUŻATI B'OMIĊIDJU VOLONTARJU**

**12364. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna fil-preżent tinsab akkużata b'omiċidju volontarju quddiem il-Qrati ta' pajjiżna? Jista' l-Ministru jagħti l-isem u l-kunjom ta' kull persuna, l-età, is-sess u n-nazzjonalità tagħha u quddiem liema Qorti tinsab akkużata?

16/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 160
25/10/2023

**QAWRA – ĊENTRU TAS-SAĦĦA**

**12376. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11908 dwar iċ-Ċentru tas-Saħħa fil-Qawra, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tat-Traffic Impact Assessment li skont l-istess tweġiba, sar?

16/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li r-Rapport finali tat-Traffic Impact Assessment bħalissa qed jiġi vvalutat mill-Awtorità tal-Ippjanar.

Seduta 160
25/10/2023

**QAWRA – ĊENTRU TAS-SAĦĦA**

**12377. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11908 dwar iċ-Ċentru tas-Saħħa fil-Qawra, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti informazzjoni dwar l-Environmental Impact Assessment fuq dan il-proġett?

16/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li d-diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Ambjent dwar l-aspetti ambjentali għadhom għaddejjin.

Seduta 160
25/10/2023

**IX-XEMXIJA - RAPPORTI TA' XOGĦOL TA' SKAVAR FIS-SIT TAL-EKS MISTRA VILLAGE**

**12378. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11824, jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar ir-rapporti kollha dwar is-sit tal-Eks Mistra Village, fix-Xemxija, li waslu għand l-Awtorità tal-Ippjanar u għand l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) matul l-2023, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, (mhux dwar skavar biss)? Jista' jgħid ukoll jekk dawn ir-rapporti jinkludux ir-rapporti li saru permezz tat-telefon?

16/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li r-rapporti msemmija fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11824 huma marbuta mal-Awtorità tal-Ippjanar, filwaqt li l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) irċeviet 60 rapport.

Seduta 160
25/10/2023

**EDUKAZZJONI - GĦALLIEMA NGAĠĠATI U GĦALLIEMA LI RRIŻENJAW**

**12385. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Fid-dawl li bejn Jannar u Settembru tal-2023 irreżenjaw 60 għalliem u ġew impjegati 200 għalliem, jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar xi kwalifiki għandhom dawk li ġew impjegati? Jista' jgħid kemm għalliema spiċċaw mix-xogħol tagħhom minħabba li waslu fl-età tal-pensjoni fl-istess perjodu, u jekk dan l-ammont hux inkluż fl-ammont tas-60 għalliema li rriżenjaw? Jista' jgħid jekk dawk li rreżenjaw sabux xogħol ieħor jew waqfux jaħdmu? Jista' l-Ministru jagħti tagħrif ukoll dwar kemm kien hemm għalliema li ggradwaw fl-2021, fl-2022 u fl-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, sena b'sena?

16/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li mill-200 għalliem ġdid, 151 minnhom għandhom kwalifika f'livell 7 bħal-MTL filwaqt li l-49 l-oħra huma supply teachers li għandhom kwalifiki "non-teaching" li jaslu sa MQF 7.
Mis-60 għalliem li rriżenjaw, 20 minnhom irtiraw, 17 minnhom qed jaħdmu ma' skejjel tal-knisja, tal-privat jew indipendenti, 13 sabu xogħol ieħor barra mis-servizz pubbliku, 4 marru jaħdmu barra minn Malta filwaqt li għalkemm mis-6 li fadal hemm min ma speċifikax raġuni għalfejn irriżenja, infurmat li hemm min waqaf ħabba raġunijiet ta' saħħa.
Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellanta li mis-sena 2021 s'issa gradwaw total ta' 590 student bi grad t'għalliem.

Seduta 160
25/10/2023

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - PEST CONTROL UNIT**

**12386. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-Ministeru tiegħu permezz tal-Pest Control Unit għadux jieħu miżuri biex jiġi kkontrollat in-numru ta' ġrieden li hawn kemm fl-ibliet u l-irħula, kif ukoll fil-kampanja? Jista' jgħid ukoll x'tip ta' miżuri qed jieħu l-Ministeru biex dawn il-ġrieden jonqsu, b'mod partikolari minħabba l-ħsarat li qed jagħmlu lill-prodotti agrikoli kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' iġjene fl-ibliet u fl-irħula?

16/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-ħaddiema mill-Pest Control Unit iwettqu diversi trattamenti għal kontra l-ġrieden permezz ta' programm annwali ta' tqegħid ta' velenu fil-lokalitajiet kollha madwar Malta u Għawdex u wara ħmistax-il ġurnata jsir follow-up. Fl-għelieqi fejn ikun hemm prodotti agrikoli ma jsirux trattamenti għal kontra l-ġrieden peress li dawn huma meqjusa bħala proprjetà privata.

Seduta 160
25/10/2023

**ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI – APPELLI PENDENTI**

**12396. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid b'kollox kemm hemm appelli pendenti quddiem l-Arbitri għall-finijiet tal-artikoli 107 u 108 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-appelli għadhom ma ġewx appuntati u kemm tmur lura, l-aktar applikazzjoni pendenti?

16/10/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba minnha hija kif tidher fit-tabella t'hawn taħt:

| **Appelli** | **Sa Ottubru 2023** |
|---|---|
| Appelli pendenti sat-18 Ottubru 2023 | 635 |
| Appelli li għadhom ma ġewx appuntati sat-18 ta' Ottubru 2023 | 178 |

Seduta 160
25/10/2023

**SKEMA TA' DISTRIBUZZJONI TAL-IKEL IFFINANZJAT MILL-ISTAT (SFFD)**

**12397. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm huma l-persuni li llum qed jibbenefikaw mill-iskema ta' distribuzzjoni tal-ikel iffinanzjat mill-Istat (SFFD)? Jista' jgħid ukoll kemm kienu l-persuni li bbenefikaw minn din l-iskema, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari sena b'sena? Jista' jgħid ukoll x'jinkludi l-pakkett tal-ikel li qed jitqassam, kull meta qed jitqassam u kif qed jitqassam?

16/10/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li n-numru ta' kapijiet ta' familji li kienu eliġibbli u li bbenefikaw s'issa mill-iskema ta' distribuzzjoni tal-ikel iffinanzjat mill-Istat (SFFD), huwa kif qed ikun elenkat fit-tabella t'hawn taħt:

| Distribuzzjoni | Data | Familji Eliġibbli | Kaxxi Miġbura | Perċentaġġ |
|---|---|---|---|---|
| 1 | April 2017 | 19,490 | 18,252 | 93.6% |
| 2 | Settembru 2017 | 22,571 | 17,850 | 79.1% |
| 3 | April 2018 | 21,621 | 16,317 | 75.5% |
| 4 | Diċembru 2018 | 21,072 | 15,847 | 75.2% |
| 5 | April 2019 | 20,736 | 15,905 | 76.7% |
| 6 | Settembru 2019 | 20,381 | 15,651 | 76.8% |
| 7 | April 2020 | 19,443 | 16,931 | 87.1% |
| 8 | Settembru 2020 | 18,854 | 14,854 | 78.8% |
| 9 | April 2021 | 19,107 | 15,088 | 79.0% |
| 10 | Ottubru 2021 | 18,841 | 14,342 | 76.1% |
| 11 | Mejju 2022 | 19,680 | 14,920 | 75.8% |
| 12 | Ottubru 2022 | 17,965 | 13,734 | 76.4% |
| 13 | Ġunju 2023 | 17,908 | 12,145 | 67.8% |

Id-distibuzzjoni li jmiss hija l-14-il waħda u n-numru ta' kapijiet ta' familji eliġibbli fid-distribuzzjoni li jmiss huwa ta' 17,556.

Fir-rigward il-pakkett tal-ikel u t-tqassim tiegħu, ninforma lill-Onor. Interpellanta li hemm 3 tipi ta' kaxxi differenti: Kaxxa 1, 2, u 3. It-tip ta kaxxa li l-kapijiet tal-familji jirċievu tiddependi skont taħt liema kategorija ta' bżonn taqa' il-familja.

- Kaxxa 1: Tikkonsiti fi 3 bottijiet kunserva, 3 pakketti għaġin, 3 landi tonn taż-żejt u pakkett ross.

- Kaxxa 2: Tikkonsisti mill-istess affarijiet ta' kaxxa 1 bid-differenza ta' pakkett ieħor għaġin.

- Kaxxa 3: Tikkonsisti mill-istess affarijiet ta' kaxxa 1 imma jkollha, 2 bottijiet oħra kunserva, 2 landi oħra tonn taż-żejt, u pakkett ieħor għaġin.

It-tqassim tal-ikel isir darbtejn fis-sena, normalment madwar Mejju u Settembru. Id-distribuzzjoni ssir billi jitqassmu n-numru ta' familji eliġibbli fi 28 ċentru ta' distribuzzjoni madwar Malta u Għawdex. Il-familji eleġibbli jiġu infurmati billi tintbagħtilhom ittra, fejn tingħatalhom ukoll informazzjoni bid-data u l-post ta' meta u minn fejn għandhom jiġbru il-kaxxa li għaliha huma intitolati.

Seduta 160
25/10/2023

**SKEMA LI TIPPROVDI GĦOTJA TA' DARBA GĦALL-PERSUNI LI KIENU IMPJEGATI F'XI KORPORAZZJONI JEW ENTITÀ FIS-SETTUR PUBBLIKU**

**12398. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien l-ammont globali imħallas mill-Gvern għall-iskema li tħabbret fil-Baġit għas-sena 2023 biex tipprovdi għotja ta' darba għall-persuni li kienu impjegati f'xi korporazzjoni jew entità fis-settur pubbliku wara li għamlu xi żmien iservu f'wieħed mill-korpi tax-xogħol imwaqqfa qabel l-1979? Jista' jgħid ukoll kemm kien in-numru ta' persuni li applikaw u kemm minnhom ibbenefikaw?

16/10/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-pagamenti tal-iskema mħabbra fil-Baġit għas-sena 2023 għadhom ma sarux u għalhekk ma tistax tingħata tweġiba f'dan l-istadju.

Seduta 160
25/10/2023

**SKEMA LI TIPPROVDI GĦOTJA TA' DARBA GĦALL-PERSUNI LI KIENU IMPJEGATI MAL-GAS BOARD**

**12399. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien l-ammont globali imħallas mill-Gvern għall-iskema li tħabbret fil-Baġit għas-sena 2023 biex tipprovdi għotja ta' darba għall-persuni li kienu impjegati mal-Gas Board sakemm dan spiċċa u wara kienu impjegati mal-Korporazzjoni Enemalta? Jista' jgħid ukoll kemm kien in-numru ta' persuni li bbenefikaw, kemm kien in-numru ta' persuni li applikaw u kemm minnhom ibbenefikaw?

16/10/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li kif diġà weġibtha fil-mistoqsija parlamentari 12398, il-pagamenti tal-iskema mħabbra fil-Baġit għas-sena 2023 għadhom ma sarux u għalhekk ma tistax tingħata tweġiba f'dan l-istadju.

Seduta 160
25/10/2023

**SKEMA LI TIPPROVDI GĦOTJA TA' DARBA GĦALL-PERSUNI LI KIENU APPRENTISTI MAL-MALTA ELECTRICITY BOARD**

**12400. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien l-ammont globali imħallas mill-Gvern għall-iskema li tħabbret fil-Baġit għas-sena 2023 biex tipprovdi għotja ta' darba għall-persuni li kienu apprentisti mal-Malta Electricity Board sakemm dan spiċċa u wara kienu impjegati mal-Korporazzjoni Enemalta? Jista' jgħid ukoll kemm kien in-numru ta' persuni li applikaw u kemm minnhom ibbenefikaw?

16/10/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li kif diġà weġibtha fil-mistoqsija parlamentari 12398, il-pagamenti tal-iskema mħabbra fil-Baġit għas-sena 2023 għadhom ma sarux u għalhekk ma tistax tingħata tweġiba f'dan l-istadju.

Seduta 160
25/10/2023

**SKEMA LI TIPPROVDI GĦOTJA TA' DARBA GĦALL-PERSUNI MAL-KORPORAZZJONI TELEMALTA**

**12401. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien l-ammont globali mħallas mill-Gvern għall-iskema li tħabbret fil-Baġit għas-sena 2023 biex tipprovdi għotja ta' darba għall-persuni li daħlu fl-impjieg mal-Korporazzjoni Telemalta bejn l-1 ta' Jannar 1978 u s-16 ta' Jannar l-1979 u li ma kkwalifikawx għal pensjoni tas-servizz u ma bbenefikawx minn xi skema ta' għotja mill-2017, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm kien in-numru ta' persuni li applikaw u kemm minnhom ibbenefikaw?

16/10/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li kif diġà weġibtha fil-mistoqsija parlamentari 12398, il-pagamenti tal-iskema mħabbra fil-Baġit għas-sena 2023 għadhom ma sarux u għalhekk ma tistax tingħata tweġiba f'dan l-istadju.

Seduta 160
25/10/2023

**FRAMEWORK AGREEMENT FOR THE PROVISION OF GENERAL ROAD WORKS INCLUDING THE LAYING OF ASPHALT FOR THE MINISTRY FOR GOZO**

**12406. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: B'referenza għas-sejħa CT2361/2022 - Framework Agreement for the Provision of General Road Works including the Laying of Asphalt for the Ministry for Gozo, jista' l-Ministru jgħid kemm kienet stmata din is-sejħa meta ħarġet fis-suq? Jista' jgħid ukoll jekk l-appell quddiem il-Public Contracts Review Board (PCRB) ġiex deċiż u x'kien l-eżitu?

16/10/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sejħa CT 2361/2022 kienet stmata €2,268,903.00 (VAT eskluża). Is-sejħa għall-offerti ġiet awarded nhar it-3 ta' Ottubru 2023 u ż-żmien tal-appell għalaq nhar it-13 ta' Ottubru 2023.

Seduta 160
25/10/2023

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - TALBIET TAĦT L-ATT DWAR IL-LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI**

**12451. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm talbiet skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni lill-Ministeru u lill-entitajiet u awtoritajiet li jaqgħu taħt l-istess dekasteru mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Kemm minn dawn it-talbiet ġew imwieġba, kemm minnhom għadhom pendenti, u kemm minn dawn it-talbiet ma ntlaqgħux? Għal kull waħda mit-talbiet li ma ntlaqgħux, jista' jgħid x'kienet ir-raġuni għal dan, u jindika lil liema fergħa tad-dekasteru ġew preżentati t-talbiet?

17/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li għall-perjodu mitlub minnu l-Ministeru għas-Saħħa inkluż l-Awtoritajiet Pubbliċi kkonċernati, irċievew 55 talba. Minn dawn 30 intlaqgħu, 22 ma ntlaqgħux, waqt li 3 talbiet għadhom qed ikunu evalwati. Fejn it-talbiet kienu rifjutati dan sar għaliex id-dokumenti mitluba huma esklużi mill-iskop tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni.

Seduta 160
25/10/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - TALBIET TAĦT L-ATT DWAR IL-LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI**

**12452. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm talbiet skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni lill-Ministeru u lill-entitajiet u awtoritajiet li jaqgħu taħt l-istess dekasteru mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Kemm minn dawn it-talbiet ġew imwieġba, kemm minnhom għadhom pendenti, u kemm minn dawn it-talbiet ma ntlaqgħux? Għal kull waħda mit-talbiet li ma ntlaqgħux, jista' jgħid x'kienet ir-raġuni għal dan, u jindika lil liema fergħa tad-dekasteru ġew preżentati t-talbiet?

17/10/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Għall-perjodu 2022 sal-lum, jien informat illi l-Ministeru għal Għawdex, inkluż l-Awtoritajiet Pubbliċi kkonċernati, irċevew 16-il talba. Minn dawn, 5 intlaqgħu, 11 ma ntlaqgħux waqt li m'hemmx talbiet li għadhom qed ikunu evalwati. Fejn it-talbiet kienu rifjutati dan sar għaliex id-dokumenti mitluba huma esklużi mill-iskop tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni.

Seduta 160
25/10/2023

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - TALBIET TAĦT L-ATT DWAR IL-LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI**

**12453. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm talbiet skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni lill-Ministeru u lill-entitajiet u awtoritajiet li jaqgħu taħt l-istess dekasteru mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Kemm minn dawn it-talbiet ġew imwieġba, kemm minnhom għadhom pendenti, u kemm minn dawn it-talbiet ma ntlaqgħux? Għal kull waħda mit-talbiet li ma ntlaqgħux, jista' jgħid x'kienet ir-raġuni għal dan, u jindika lil liema fergħa tad-dekasteru ġew preżentati t-talbiet?

17/10/2023

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li għall-perjodu 2022 sal-lum, jien informat illi l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, inkluż l-Awtoritajiet Pubbliċi kkonċernati, irċevew 15-il talba. Minn dawn, 9 intlaqgħu, 6 ma ntlaqgħux waqt li m'hemmx talbiet li għadhom qed ikunu evalwati. Fejn it-talbiet kienu rifjutati dan sar għaliex id-dokumenti mitluba huma esklużi mill-iskop tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni.

Seduta 160
25/10/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - TALBIET TAĦT L-ATT DWAR IL-LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI**

**12454. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm talbiet skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni lill-Ministeru u lill-entitajiet u awtoritajiet li jaqgħu taħt l-istess dekasteru mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Kemm minn dawn it-talbiet ġew imwieġba, kemm minnhom għadhom pendenti, u kemm minn dawn it-talbiet ma ntlaqgħux? Għal kull waħda mit-talbiet li ma ntlaqgħux, jista' jgħid x'kienet ir-raġuni għal dan, u jindika lil liema fergħa tad-dekasteru ġew preżentati t-talbiet?

17/10/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li għall-perjodu 2022 sal-lum, jien informat illi l-Ministeru li tiegħu jiena responsabbli, inkluż l-Awtoritajiet Pubbliċi kkonċernati, irċievew total ta' 20 talba. Minn dawn, 9 intlaqgħu, 10 ma ntlaqgħux waqt li talba waħda għadha qed tiġi evalwata. Fejn it-talbiet kienu rifjutati dan sar għaliex id-dokumenti mitluba huma esklużi mill-iskop tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni.

Seduta 160
25/10/2023

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - TALBIET TAĦT L-ATT DWAR IL-LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI**

**12455. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm talbiet skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni lill-Ministeru u lill-entitajiet u awtoritajiet li jaqgħu taħt l-istess dekasteru mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Kemm minn dawn it-talbiet ġew imwieġba, kemm minnhom għadhom pendenti, u kemm minn dawn it-talbiet ma ntlaqgħux? Għal kull waħda mit-talbiet li ma ntlaqgħux, jista' jgħid x'kienet ir-raġuni għal dan, u jindika lil liema fergħa tad-dekasteru ġew preżentati t-talbiet?

17/10/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Għall-perjodu 2022 sal-lum, jien informat illi l-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli, inkluż l-Awtoritajiet Pubbliċi kkonċernati, irċevew 16-il talba. Minn dawn, 10 intlaqgħu, 5 ma ntlaqgħux waqt li talba waħda għadha qed tkun evalwata. Fejn it-talbiet kienu rifjutati dan sar għaliex id-dokumenti mitluba huma esklużi mill-iskop tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni.

Seduta 160
25/10/2023

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA - TALBIET TAĦT L-ATT DWAR IL-LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI**

**12456. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm talbiet skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni lill-Ministeru u lill-entitajiet u awtoritajiet li jaqgħu taħt l-istess dekasteru mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Kemm minn dawn it-talbiet ġew imwieġba, kemm minnhom għadhom pendenti, u kemm minn dawn it-talbiet ma ntlaqgħux? Għal kull waħda mit-talbiet li ma ntlaqgħux, tista' tgħid x'kienet ir-raġuni għal dan, u tindika lil liema fergħa tad-dekasteru ġew preżentati t-talbiet?

17/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Għall-perjodu mill-2022 sal-lum, infurmata illi l-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, inkluż l-Awtoritajiet Pubbliċi kkonċernati, irċivew total ta' 79 talba. Minn dawn, 41 intlaqgħu, 31 ma ntlaqgħux waqt li 7 talbiet għadhom qed ikunu evalwati. Fejn it-talbiet kienu rifjutati dan sar għaliex id-dokumenti mitluba huma esklużi mill-iskop tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni.

Seduta 160
25/10/2023

**DAY CENTRES GĦALL ANZJANI - IMPJEGATI**

**12478. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu u f'liema kariga u/jew pożizzjoni fid-Day Centres tal-Anzjani? Jista' jgħid ukoll jgħid kemm jonqos impjegati għal full complement għal kull kariga u/jew pożizzjoni?

17/10/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-total ta' impjegati li jaħdmu fiċ-Ċentri ta' Matul il-Jum huwa 84, kif spjegat fit-tabella hawn taħt. Fiċ-ċentri ta' matul il-jum hemm il-full complement.

| **Grad** | **kariga u/jew pożizzjoni** | **Numru** |
|---|---|---|
| Supervisors | Uffiċjali inkarigati miċ-Ċentri matul il-Jum | 15 |
| Social Assistants II | Jorganizzaw attivitajiet, jippreparaw snacks, jassistu l-anzjani fuq trasport u jnaddfu. | 45 |
| Impjegati ngaġġati permezz ta' Contractual Service | Jorganizzaw attivitajiet, jippreparaw snacks, jassistu l-anzjani fuq trasport u jnaddfu. | 23 |
| Senior Operative | Jorganizzaw attivitajiet, jippreparaw snacks, jassistu l-anzjani fuq trasport u jnaddfu. | 1 |

Seduta 160
25/10/2023

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – KONSULENTI**

**12483. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm-il konsulent kien hemm ingaġġat miegħu f'din is-sena, u ċjoe` bejn Ottubru 2022 u Ottubru 2023 u jgħid min huma l-konsulenti, x'remunerazzjoni għandhom u x'inhi l-kariga ta' kull wieħed jew waħda rispettivament?

17/10/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Qed inpoġġi t-tagħrif mitlub fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 160
25/10/2023

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - KONSULENTI**

**12484. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il konsulent kien hemm ingaġġat miegħu f'din is-sena, u ċjoè bejn Ottubru 2022 u Ottubru 2023 u jgħid min huma l-konsulenti, x'remunerazzjoni għandhom u x'inhi l-kariga ta' kull wieħed jew waħda rispettivament?

17/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-total ta' konsulenti li jaħdmu mad-dipartiment tas-Saħħa u li qed jagħtu servizz mediku lill-pazjenti Maltin u Għawdxin huwa 370, li minnhom 39 konsulenti ġew ingaġġati bejn Ottubru 2022 u Ottubru 2023. Dawn il-konsulenti inħattru permezz ta' sejħa għall-Applikazzjonijiet. Il-kuntratti tagħhom huma indefiniti u skont il-ftehim settorali.

Seduta 160
25/10/2023

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - KONSULENTI**

**12485. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il konsulent kien hemm ingaġġat miegħu f'din is-sena, u ċjoe` bejn Ottubru 2022 u Ottubru 2023 u jgħid min huma l-konsulenti, x'remunerazzjoni għandhom u x'inhi l-kariga ta' kull wieħed jew waħda rispettivament?

17/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Tlabt sabiex it-tagħrif jinġabar.

Seduta 160
25/10/2023

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - KONSULENTI**

**12486. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il konsulent kien hemm ingaġġat miegħu f'din is-sena, u ċjoè bejn Ottubru 2022 u Ottubru 2023 u jgħid min huma l-konsulenti, x'remunerazzjoni għandhom u x'inhi l-kariga ta' kull wieħed jew waħda rispettivament?

17/10/2023

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra**.**

Seduta 160
25/10/2023

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - KONSULENTI**

**12487. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il konsulent kien hemm ingaġġat miegħu f'din is-sena, u ċjoe` bejn Ottubru 2022 u Ottubru 2023 u jgħid min huma l-konsulenti, x'remunerazzjoni għandhom u x'inhi l-kariga ta' kull wieħed jew waħda rispettivament?

17/10/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qiegħed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba minnu.

Seduta 160
25/10/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - KONSULENTI**

**12488. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il konsulent kien hemm ingaġġat miegħu f'din is-sena, u ċjoè bejn Ottubru 2022 u Ottubru 2023 u jgħid min huma l-konsulenti, x'remunerazzjoni għandhom u x'inhi l-kariga ta' kull wieħed jew waħda rispettivament?

17/10/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tingabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 160
25/10/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR - TORRIJIET (MULTISTOREY HIGH-RISE BUILDINGS)**

**12510. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11966 u jgħid f'liema partijiet ta' San Pawl il-Baħar hu permissibli li jinbnew torrijiet (multistorey high-rise buildings)? Jista' jgħid ukoll f'liema nħawi tal-istess lokalità hu permissibbli li jiġi adottat il-Floor Area Ratio (FAR)? Fejn hemm bħalissa applikazzjonijiet pendenti biex jinbnew tali torrijiet f'San Pawl il-Baħar?

18/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li skont tagħrif mgħoddi lili, San Pawl il-Baħar mhux meqjus bħala lokalità strateġika fejn jiġi kkunsidrat bini ta' highrise sakemm ma tinvolvix bini ta' hotel ta' kwalità għolja u ssegwi l-policies relattivi. Fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar, jista' jiġi addottat il-Floor Area Ratio limitatament għall-medium rise sakemm il-proposta ssegwi l-policies inkwistjoni. Kull applikazzjoni li tinvolvi Floor Area Ratio, tista' tkun suġġetta għall-"Urban design study/character appraisal", "Visual Impact Assessment" u "Design Statement".

Ma hemm ebda applikazzjoni għall-bini ta' torrijiet f'din il-lokalità.

Seduta 160
25/10/2023

**COLA**

**12544. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ħsieb li l-COLA (cost of living adjustment) ma tkunx taxxabbli?

19/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 160
25/10/2023

**STABBILIMENTI TAL-IKEL U X-XORB - TNAQQIS FIR-RATA TAL-VAT**

**12545. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ħsieb biex inaqqas ir-rata tal-VAT lill-istabbilimenti tal-ikel u x-xorb biex jagħti nifs lil dan il-qasam minħabba ż-żieda fl-ispejjeż?

19/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 160
25/10/2023

**L-IMTARFA - TRIQ TABIJA - MIŻURI TA' TRAFFIC CALMING**

**12562. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12000, jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-pjanijiet u disinni tax-xogħlijiet li ħa jsiru bħala miżuri ta' traffic calming fi Triq Tabija, kantuniera ma' Triq il-Maltin Internati u Eżiljati, fl-Imtarfa?

19/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanijiet u disinni tax-xogħlijiet li qegħdin isiru bħala miżuri ta' 'traffic calming' ġo u fil-madwar ta' Triq Tabija.

Seduta 160
25/10/2023

**IR-RABAT, BELVEDER TA' GĦERIEXEM - TĦAWWIL TA' SIĠAR ĠODDA**

**12563. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid meta ser isir it-tħawwil ta' siġar ġodda minflok is-siġar li mietu minħabba nuqqas ta' tisqija fil-Belveder ta' Għeriexem, ir-Rabat?

19/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 160
25/10/2023

**SAĦĦA MENTALI - NEFQA FUQ KAMPANJA TA' PREVENZJONI**

**12564. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 12009, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u jgħid x'kienet in-nefqa fuq il-promozzjoni għas-saħħa mentali?

19/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-kampanja Nazzjonali fis-Saħħa Mentali għadha għaddejja.

Seduta 160
25/10/2023

**KWALITÀ TAL-ARJA FL-IRĦULA - TESTIJIET**

**12565. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid meta u fejn saru t-testijiet tal-kwalità tal-arja fl-irħula fl-aħħar xahrejn?

19/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja jsir b'mod kontinwu fl-Għarb, iż-Żejtun, Ħ'Attard, San Pawl il-Baħar u Msida, għal-lista ta' sustanzi ta' tniġġiz hekk kif mitlub mid-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar il-Kwalità tal-Arja. Apparti minn hekk, hemm network ta' monitoraġġ għall-benzene u nitrogen dioxide permezz ta' 'passive diffusion tubes' f'mitt sit mifruxin f'kull lokalità madwar Malta u Għawdex.

Seduta 160
25/10/2023

**SPTAR MATER DEI – ITTESTJAR TAL-ILMA TAL-WATER FOUNTAINS**

**12566. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kull meta ġie ttestjat l-ilma minn meta ġew installati l-water fountains għall-ilma tax-xorb fl-isptar Mater Dei?

19/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Isptar Mater Dei għandu kuntratt mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) li wara l-installazzjoni u l-ikkummissjonar ta' kull funtana tal-ilma, il-WSC twettaq kontrolli u testijiet fuq l-ilma darba fix-xahar. L-aħħar ittestjar li sar fuq il-water fountains għall-ilma tax-xorb sar f'Settembru 2023.

Seduta 160
25/10/2023

**KUNDIZZJONI TAL-EPILESSIJA - NUQQAS TAL-MEDIĊINA KEPPRA**

**12567. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12006, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-mediċina Keppra li tintuża minn pazjenti li jbatu mill-epilessija kinetx out of stock jew limited order f'dawn l-aħħar 10 xhur u mhux biss jekk hux available illum?

19/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hemm pazjent wieħed li għandu l-approvazzjoni mill-ExceptionalMedicinalTreatment Committee biex jieħu il-mediċina li semma hu mingħajr ħlas. Minkejja diffikultajiet sabiex dan il-prodott jinġieb f'Malta għal dan il-pazjent, is-Central Procurement and Supplies Unit dejjem jirnexxilu jagħmel hekk.

Seduta 160
25/10/2023

**FIAU – DEĊIŻJONIJIET BI KSUR TAL-KOSTITUZZJONI**

**12596. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: Fid-dawl tad-deċiżjonijiet tal-Qrati ta' pajjiżna li sabu li deċiżjonijiet tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) kisru l-Kostituzzjoni ta' Malta, jista' l-Prim Ministru jgħid x'inhi t-triq 'il quddiem f'dan ir-rigward u x'inhu l-pjan tal-Gvern?

20/10/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12542.

Seduta 160
25/10/2023

**STABBILIMENTI TAL-IKEL U X-XORB - TNAQQIS FIR-RATA TAL-VAT**

**12598. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ħsieb biex inaqqas ir-rata tal-VAT lill-istabbilimenti tal-ikel u x-xorb biex jagħti nifs lil dan il-qasam minħabba ż-żieda fl-ispejjeż?

20/10/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 160
25/10/2023

**STABBILIMENTI TAL-IKEL U X-XORB - TNAQQIS FIR-RATA TAL-VAT**

**12599. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista’ l-Ministru jgħid jekk hemmx ħsieb biex inaqqas ir-rata tal-VAT lill-istabbilimenti tal-ikel u x-xorb biex jagħti nifs lil dan il-qasam minħabba ż-żieda fl-ispejjeż?

20/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 160
25/10/2023

**NOMAD RESIDENCE PERMIT**

**12600. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista’ l-Ministru jgħid kemm hawn persuni li ngħataw Nomad Residence Permit?

20/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 160
25/10/2023

**MAGĦTAB - WASTE-TO-ENERGY PLANT - EMISSJONIJIET**

**12608. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-faċilità Waste-to-Energy fil-Magħtab għandhiex proċess ta' carbon capture, u kemm hu mistenni li jkunu l-emissjonijiet tal-karbonju (CO2 emission) tal-faċilità?

20/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-impjant Waste to Energy ser jagħti kontribut pożittiv ħafna fejn jidħlu l-emissjonijiet. Kuntrarjament għal impjanti ewlenin li jipproduċu l-enerġija dan l-impjant ma jużax fjuwils konvenzjonali magħrufa bħala fossil fuels, li huma l-akbar sors ta’ gassijiet serra globalment. Il-Waste to Energy se juża skart mhux riċiklabbli biex jipproduċi l-enerġija. Għalkemm bħal impjanti oħra m’għandux carbon capture technology, dan l-impjant ser ikun mgħammar b’teknoloġiji li jiżguraw trattament ta’ dan l-iskart li se jkun ħafna iktar effettiv meta mqabbel mal-prattiċi preżenti, jiġifieri l-użu ta’ landfills.

Seduta 160
25/10/2023

**MAGĦTAB - WASTE-TO-ENERGY PLANT - SPIŻA**

**12609. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tagħti break down ta' kif tinqasam l-offerta finali li rebħet it-tender CT3032/2022 dwar il-Waste-to-Energy facility fil-Magħtab, li ġie rappurtat li taqbeż is-€600 miljun, u allura tgħid eżatt kemm hi n-nefqa għall-kostruzzjoni tal-impjant, nefqiet kapitali oħra, in-nefqa tal-operat u kif tinqasam, eċċ?

20/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proċess ta’ akkwist għall-imsemmi proġett għadu għaddej u bħalissa jinsab fil-perjodu tal-appelli, u sakemm jiġi konkluż il-WasteServ ma tistax tipprovdi dettalji kif tinqasam l-offerta finali li rebħet it-tender. Minkejja dan, l-istima tal-proġett hija magħmula minn tliet komponenti: 1) Kapital ta’ €214-il miljun; 2) Spejjeż operattivi ta’ €181 miljun għal 20 sena; u 3) ħlas fiss ta’ tunnellaġġ ta’ skart ta’ €40/tunnellata li jammonta għal €154 miljun fuq medda ta’ 20 sena.

Seduta 160
25/10/2023

**MALTA - NEFQA FUQ FUELS**

**12610. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm kienet in-nefqa ta’ Malta fuq hydrocarbons (fossil fuels, inkluż gass naturali, LPG, petrol, diesel, aviation fuel, eċċ), għal kull sena għas-snin 2020, 2021, 2022 u fl-2023 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

20/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta 160
25/10/2023